**152. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex ikompli jemenda l-Att tal-1948 dwar it-Taxxa fuq l-Income".

a. Illi fis-Seduta tal-lum, il-Ħamis, 21 ta' Diċembru, 1978 jista' jsir biss xogħol tal-Gvern.

b. Illi aktar minn stadju wieħed jista' jittieħed fuq dan 1-Abbozz ta' Liġi f1-istess seduta.

c. Illi fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta tal-lum; 21 ta ' Diċembru, 1978, issir mingħajr diskussjoni, kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm il-proċedura kollha meħtieġa biex dan l-Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-istadji tiegħu kollha .

   Iżda anke jekk ikun għadda l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda mingħajr avviż, li fuqhon titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi klawżoli jew klawżoli ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni.

d. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fis-seduta tal-lum 21 ta' Diċembru 1978, jittieħdu fit-tmiem tal-proċedura kollha meħtieġa biex dan l-Abbozz ta' Liġi jgħaddi mill-istadji tiegħu kollha; u li dawn il-votazzjonijiet; jittieħdu immedjatament wara xulxin mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta.bejn il-ħin li fih tintalab, u l-ħin li fih tittieħed din il-votazzjoni.

18.12.1978